

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-23 ta' Novembru 2010 — Codorniu Napa vs UASI Bodegas Ontañón (ARTESA NAPA VALLEY)

(Kawża T-35/08) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva ARTESA NAPA VALLEY — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti ARTESO u trade mark nazzjonali verbali preċedenti LA ARTESA — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”)

(2011/C 13/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Codorniu Napa, Inc. (Napa, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: X. Fàbrega Sabaté u M. Curell Aguilà, sussegwentement M. Curell Aguilà u J. Güell Serra, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Mondéjar Ortuño, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Bodegas Ontañón, SA (Quel, La Rioja, Spanja) (rappreżentanti: J. Grimau Muñoz u J. Villamor Muguerza, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Novembru 2007 (Każ R 747/2006-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Bodegas Ontañón, SA u Codorniu Napa, Inc.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Codorniu Napa, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 92, 12.04.2008.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Novembru 2010 — L-Italja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-95/08) ⁽¹⁾

(“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — Infiq eskluż mill-finanzjament Komunitarju — Skema ta’ għajjnuna għall-produzzjoni fis-settur tal-prodotti ta’ frott u ħxejjex ipproċessati — Miżuri eċċeżżjonali ta’ sostenn fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella — Sistema ta’ primjums għat-tabakk”)

(2011/C 13/43)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Aiello u G. Palmieri, avvocati dello Stato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Jimeno Fernández u D. Nardi, aġenti, assistiti minn F. Ruggeri Laderchi, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/68/KE, tal-20 ta' Diċembru 2007, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti nefqiet magħmula mill-Istati Membri taħt it-Taqsima Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG) (ĠU L 18, p. 12), sa fejn din teskludi ċertu nfīq magħmul mir-Repubblika Taljana fis-setturi tal-prodotti ta’ frott u ħxejjex ipproċessati, tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella u tat-tabakk mhux mahđum.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 92, 12.4.2008.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Novembru 2010 — Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-113/08) ⁽¹⁾

(“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — Infiq eskluż mill-finanzjament Komunitarju — Ghajjnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa — Ghajjnuna marbuta mad-daqs tal-uċuh tar-raba’ li tinhhar”)

(2011/C 13/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta’ Spanja (rappreżentant: M. Muñoz Pérez, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: F. Jimeno Fernández, aġent)

Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/68/KE, tal-20 ta' Diċembru 2007, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti nefqiet magħmula mill-Istati Membri taħt it-Taqsima Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG), sa fejn hija intiża għal ċertu nfīq magħmul mir-Renju ta’ Spanja fis-setturi taż-żejt taż-żebbuġa u ta’ kultivazzjoni ta’ uċuh tar-raba’ li tinhhar.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 107, 26.4.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-24 ta' Novembru 2010 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-9/09 P) (¹)

(“Appell — Servizz pubbliku — Ufficijali — Ċaħda tar-rikors fl-ewwel istanza bħala manifestament inammissibbli — Talba għal restituzzjoni ta' beni personali — Notifika tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment b'lingwa differenti minn dik tal-ilment — Rikors li ġie ppreżentat tard — Nuqqas li tingħata risposta fir-rigward ta' kap ta' talbiet ippreżentati fl-ewwel istanza”)

(2011/C 13/45)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tal-4 ta' Novembru 2008, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-133/06, li għadu ma ġiex ippubblifikat fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

Dispożittiv

- (1) Id-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tal-4 ta' Novembru 2008, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-133/06, li għadu ma ġiex ippubblifikat fil-Ġabra) huwa annullat sa fejn ma jagħtix deċiżjoni dwar it-talba għal dikjarazzjoni ta' ineżiżenza tad-deċiżjoni kkontestata fl-ewwel istanza.
- (2) Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.
- (3) Ir-rikors, sa fejn kien intiż għal dikjarazzjoni ta' ineżiżenza tad-deċiżjoni kkontestata, huwa miċħud.
- (4) L. Marcuccio għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk inkorsi mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza. L-ispejjeż marbuta mal-proċedura tal-ewwel istanza li tat lok għad-digriet Marcuccio vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar 'il fuq, għandhom jitħallsu skont il-modalitajiet stabbiliti fil-punt 2 tad-dispożittiv tal-imsemmi digriet.

(¹) ĠU C 55, 07.03.2009

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-24 ta' Novembru 2010 — Nike International vs UASI — Muñoz Molina (R10)

(Kawża T-137/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali R10 — Trade mark nazzjonali verbali mhux irreggistrata R10 — Ċessjoni tat-trade mark nazzjonali — Difett proċedurali”)

(2011/C 13/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Nike International Ltd (Beaverton, Oregon, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. de Justo Bailey, avukat)

Konvenut: L-Ufficijju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Aurelio Muñoz Molina (Petrer, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-21 ta' Jannar 2009 (Każ R 551/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn DL Sports Marketing Ltda u Aurelio Muñoz Molina.

Dispożittiv

(1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Ufficijju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-21 ta' Jannar 2009 (Każ R 551/2008-1) hija annullata.

(2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

(3) Kull waħda mill-partijiet għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 129, 06.06.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-10 ta' Novembru 2010 — UASI vs Simões Dos Santos

(Kawża T-260/09 P) (¹)

(“Appell — Appell inċidentali — Servizz pubbliku — Ufficijali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2003 — Tnaqqis għal żero u kalkolu mill-ġdid tal-ammont ta' punti ta' mertu — Eżekuzzjoni ta' sentenza tat-Tribunal — Res judicata — Bażi legali — Non retroattività — Aspettativi leġittimi — Danni materjali — Telf ta' possibbiltà ta' promozzjoni — Danni morali”)

(2011/C 13/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Ufficijju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: I. de Medrano Caballero, aġent, assistit minn D. Waelbroeck, avukat)